MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 780/2005/2

**Alexander u Carmen konjugi Magro**

**v.**

**George u Maris konjugi Bezzina**

**Il-Qorti:**

Dawn huma proceduri ta' ritrattazzjoni a bazi tal-Artikolu 811(l) tal-Kodici ta' Procedura u Organizzazzjoni Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Ghall-ahjar intendiment tal-kaz, din il-Qorti sejra, f'dan l-istadju, tirriproduci fl-intier taghha s-sentenza li kienet tat din il-Qorti fis-7 ta' Jannar, 2011, li tikkontjeni sunt tat-talbiet attrici, tal-eccezzjonijiet

tal-konvenuti u tas-sentenza li kienet tat il-Prim' Awla tal-Qorti Civili, u dan, ovvjament, barra l-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti li wasluha taghti s-sentenza taghha u tichad it-talbiet attrici.

Is-sentenza ta' din il-Qorti hija din:
"**Il-Qorti:**

"**<u>Preliminari</u>**

"1. Dan hu appell ad istanza tal-konvenuti minn sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 2010, liema sentenza sejra tigi hawn riprodotta fl-intier taghha ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell:

""1. Din hija kawża ta' spoll.

"2. L-atturi jgħidu illi għandhom biċċa raba' tal-kejl bejn wieħed u ieħor ta' erbatax-il tomna fl-inħawi magħrufa bħala *ta' Sqaq Ġebel Żwejri*, fil-Magħtab, limiti tan-Naxxar, waqt illi l-konvenut għandu biċċa raba' li tmiss ma' dik tal-atturi. Ftit qabel ma nfetħet il-kawża, u l-aktar fil-25 ta' Ġunju 2005, il-konvenut bena kanali u ċaqlaq dak li kien hemm b'mod li fixkel il-mogħdija ħielsa u naturali tal-ilma. B'hekk il-konvenut għamel aktar gravi s-servitù li biha hija mgħobbija l-proprjetà tal-atturi għax l-ilmijiet kollha tal-inħawi ma humiex sejrin jieħdu l-mogħdija naturali tagħhom iżda sejrin jispiċċaw kollha fir-raba' tal-atturi u hekk jagħmlu ħsarat kbat u għargħar.

"3. Billi qegħdin igħidu illi b'dawn ix-xogħlijiet il-konvenuti għamlu spoll "klandestin u vjolenti", u għalxejn sejħulhom biex iqiegħdu kollox kif kien qabel, l-atturi fetħu din il-kawża u qegħdin jitolbu illi l-qorti:

"3.1 tgħid illi l-konvenuti, jew tgħid min mill-konvenuti, wettqu spoll kontra l-atturi billi biddlu l-mogħdija tal-ilma;

"3.2 tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi żmien qasir u perentorju jreġġgħu l-mogħdija ħielsa tal-ilma kif kienet qabel; u

"3.3 jekk il-konvenuti jonqsu milli jagħmlu hekk, tagħti lill-atturi s-setgħa li jagħmlu huma x-xogħlijiet meħtieġa bi flus il-konvenuti.

"4. Talbu wkoll l-ispejjeż, fosthom dawk tal-ittra legali tal-14 ta' Lulju 2005.

"5. Il-konvenuti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

"5.1 il-konvenuta Maris Bezzina ma hijiex kontradittriċi leġittima għax l-atturi mkien ma allegaw illi hija għamlet att ta' spoll;

"5.2 l-atturi jridu jagħmlu l-prova tal-interess ġuridiku tagħhom fl-azzjoni;

"5.3 fil-meritu, ma hemmx l-elementi meħtieġa biex tirnexxi azzjoni ta' spoll; u

"5.4 f'kull każ, il-konvenuti ma wettqu ebda xogħlijiet fir-raba' possjedut mill-atturi.

"6. L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti – dik ta' nuqqas ta' leġittimazzjoni passiva tal-konvenuta Maris Bezzina – ma tistax, fil-fehma tal-qorti, tkun trattata bħala eċċezzjoni preliminari għax jekk il-konvenuta kellhiex sehem jew le fl-att ta' spoll li qegħdin jallegaw l-atturi jista' jirriżulta biss wara s-smigħ tax-xhieda. Il-qorti għalhekk tqis din l-eċċezzjoni aktar 'il quddiem, wara li tkun għamlet apprezzament tax-xhieda.

"7. It-tieni eċċezzjoni trid prova tal-interess ġuridiku tal-atturi. Billi din hija azzjoni ta' spoll, u huwa biżżejjed li l-atturi jkollhom pussess jew detenzjoni materjali tal-ħaġa, l-atturi għandhom interess fl-azzjoni ladarba qegħdin jallegaw tfixkil materjali fit-tgawdija tal-art li għandhom f'idejhom. Din l-eċċezzjoni hija għalhekk miċħuda.

"8. Ngħaddu issa biex inqisu l-meritu.

"9. Wara li żammet aċċess fuq il-post, il-qorti, billi dehrilha li kienet teħtieġ l-għajnuna ta' espert tekniku, b'dikriet tat-28 ta' Frar 2008 ħatret lill-A.I.Ċ. Godwin Abela sabiex igħid jekk ix-xogħlijiet li għamel il-konvenut bidlux il-mogħdija tal-ilma tax-xita lejn l-art tal-attur.

"10. Mix-xiehda ħareġ illi tassew illi l-konvenut għamel xogħlijiet li bidlu l-mogħdija ta' ilma tax-xita, b'mod illi ħafna iżjed ilma minn qabel qiegħed issa jinżel għal fuq l-art tal-atturi.

"11. Il-konvenuti qegħdin igħidu illi huma ma għamlu ebda xogħlijiet fuq l-art tal-atturi, u għalhekk igħidu illi ma wettqu ebda att ta' spoll. Madankollu, biex isir spoll ma huwiex meħtieġ illi l-att jitwettaq materjalment fuq l-art tal-atturi, sakemm l-effett materjali tal-istess att jinħass fuq dik l-art. Fil-każ tallum ix-xogħlijiet li saru, għalkemm mhux fuq l-art tal-atturi, xorta kellhom l-effett li żiedu b'mod apprezzabbli l-kwantità ta' ilma li jinżel b'wied mill-art tal-atturi, b'mod li ħoloq jew għamel aktar gravi s-servitù li din l-art tirċievi l-ilma.

"12. Għalhekk il-fatt illi x-xogħlijiet ma sarux materjalment fuq l-art tal-atturi ma għandu ebda relevanza għall-għanijiet tal-kawża tallum, u r-raba' eċċezzjoni tal-konvenuti hija miċħuda.

"13. Mit-tliet elementi tal-azzjoni ta' spoll imsemmija fit-tielet eċċezzjoni – il-pussess, l-att ta' spoll, u ż-żmien – fadal għalhekk li nqisu l-element taż-żmien, *viz.* jekk l-azzjoni saritx fi żmien xahrejn minn meta twettaq l-att ta' spoll.

"14. Emanuel Bezzina, iben il-konvenuti, xehed illi meta kienu qegħdin isiru x-xogħlijiet kien mar l-attur fuq il-post u, meta ra hekk, ix-xhud mar jagħmel rapport l-għassa tal-pulizija "għax bsart minn xiex sejrin ngħaddu"[1]. Dan kien fil-21 ta' Ġunju 2005. Il-kawża nfetħet fl-24 ta' Awissu 2005.

[1] Xhieda ta' Emanuel Bezzina fis-seduta tat-28 ta' Frar 2008, *fol.* 49.

"15. Għalkemm għaddew aktar minn xahrejn bejn il-21 ta' Ġunju 2005 u l-24 ta' Awissu 2005, id-*dies a quo* ma għandhiex titqies li kienet meta nbdew ix-xogħlijiet, ladarba dawn ix-xogħlijiet ma sarux fuq l-art tal-atturi, iżda meta l-effett tax-xogħlijiet inħass fuq l-art tal-atturi. Dan kien meta nfetaħ l-istaġun tax-xita – tradizzjonalment nhar San Bartilmew, fl-24 ta' Awissu – għax kien f'dak il-waqt illi l-art tal-atturi bdiet tbati l-effett ta' dak li sar. Il-qorti għalhekk temmen illi l-kawża tassew infetħet *infra bimestre*.

"16. Billi hemm l-elementi kollha biex tirnexxi l-azzjoni tal-azzjoni ta' spoll, it-talbiet tal-atturi għanhom jintlaqgħu.

"17. Fadal li nqisu l-kwistjoni dwar il-leġittimazzjoni passiva tal-konvenuta. Għall-att ta' spoll iwieġeb mhux biss min materjalment wettaq l-att iżda wkoll min qabbad lil min jagħmel dak l-att. Billi l-amministrazzjoni tal-proprjetà tmiss lill-miżżewġin flimkien, il-qorti, sakemm ma ssirx prova kuntrarja, għandha tifhem illi dak li sar sar bil-kunsens taż-żewġ konvenuti. Għalhekk il-konvenuta Maris Bezzina wkoll għandha twieġeb għall-ispoll, u l-ewwel eċċezzjoni hija miċħuda.

"18. Il-qorti għal dawn ir-raġunijiet taqta' l-kawża billi, wara li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet tal-atturi: tgħid illi l-konvenuti wettqu spoll kontra l-atturi billi bix-xogħlijiet li għamlu biddlu l-mogħdija tal-ilma; tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi żmien xahrejn millum, taħt id-direzzjoni tal-A.I.Ċ. Godwin Abela, li qiegħed jinħatar għalhekk, ireġġgħu l-mogħdija ħielsa tal-ilma kif kienet qabel; u, jekk il-konvenuti jonqsu milli jagħmlu hekk, tagħti lill-atturi s-setgħa li, dejjem taħt id-direzzjoni tal-A.I.Ċ. Godwin Abela, jagħmlu huma x-xogħlijiet meħtieġa bi flus il-konvenuti.

"19. Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu l-ispejjeż kollha mitluba fiċ-ċitazzjoni."

"**<u>L-appell tal-konvenuti George Bezzina u Maris Bezzina</u>**

“2. Il-konvenuti hassewhom aggravati bis-sentenza surriferita tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili tat-30 ta’ Gunju 2010, u interponew appell minnha. In succint l-aggravji taghhom huma s-segwenti:

“i) L-ewwel aggravju jirrigwarda l-ewwel element tal-azzjoni ta’ spoll. L-appellanti jghidu li l-atturi ma ppretendewx li ghandhom il-pussess jew id-detenzjoni tal-art fejn saru xoghlijiet, jew li ghandhom it-tgawdija ta’ xi jedd fuq din l-art. L-art fejn saru dawn ix-xoghlijiet hija ta’ certu George Portelli.

“ii) It-tieni aggravju jirreferi ghall-att spoljattiv. L-appellanti ma jaqblux ma’ dak li qalet l-ewwel Qorti li x-xoghlijiet fuq l-art ta’ George Portelli kellhom l-effett li holqu jew aggravaw is-servitu` li l-art tal-atturi appellati jircievu l-ilma. L-ewwel Qorti kienet zbaljata fl-interpretazzjoni taghha tal-Artikolu 535 tal-Kodici Civili, li huwa car li jesigi li l-attur jigi mnezza’ mill-pussess jew detenzjoni. Dan kollu jfisser li sabiex isehh l-ispoll, l-ispoljat ghandu jigi zvestit mill-pussess li jkollu ta’ haga korporali jew it-tgawdija ta’ jedd. F’dan il-kaz lill-atturi ma ttehdilhom xejn. Huma lanqas ma gew imfixkla fl-ezercizzju ta’ xi servitu` ghaliex il-fond taghhom huwa l-fond servjenti tal-fond dominanti, proprjeta` ta’ George Portelli.

“iii) It-tielet aggravju huwa dwar it-tielet element necessarju f’azzjoni ta’ spoll, jigifieri l-*infra bimestre*. L-appellanti jghidu li fil-ligi taghna huwa car li l-azzjoni ta’ spoll ghandha tigi intavolata fi zmien xahrejn mill-ispoll. Dan huwa terminu ta’ dekadenza, li ma jistax jigi interrot jew b’xi mod estiz, u li jibda jghaddi mill-jum meta jitwettaq l-att spoljattiv. Irrizulta li l-att spoljattiv gara fil-21 ta’ Gunju 2005, u dan gie accettat anke mill-ewwel Qorti. Izda din il-kawza nfethet fl-24 ta’ Awwissu 2005, u ghalhekk saret *fuori termine*. Ghalhekk l-ewwel Qorti ma kienitx korretta meta ghamlet tajjeb ghan-nuqqas tal-atturi appellati u argumentat li t-terminu kellu jitqies li beda jghaddi minn dakinhar li fetah l-istagun tax-xita. Ma rrizultax mill-provi meta ghamlet l-ewwel xita jew kif din effettwat il-proprjeta` tal-atturi. It-terminu ghandu jibda jghaddi mid-data meta

sehh l-att spoljattiv u mhux mid-data meta l-ispoljat induna bih.

“iv) Ir-raba’ aggravju tal-appellanti huwa ffokat fuq l-eccezzjoni taghhom li giet michuda li Maris Bezzina mhix legittima kontradittrici. Il-ligi hija cara li l-azzjoni ta’ spoll hija moghtija biss kontra l-awtur tal-ispoll. Ma rrizultax mill-provi li l-imsemmija Maris Bezzina kienet xi darba involuta fl-att spoljattiv. Ghalhekk l-ewwel Qorti ma kienitx korretta meta assumiet l-legitimazzjoni passiva ta’ Maris Bezzina minhabba li jista’ ghandha l-komunjoni tal-akkwisti ma’ zewgha George Bezzina.

“v) Fl-ahhar aggravju, l-appellanti jilmentaw dwar it-tieni eccezzjoni taghhom fuq il-karenza tal-interess guridiku li wkoll giet michuda. Skont l-appellanti, din l-eccezzjoni kellha tigi milqugha ghaliex il-pretensjoni tal-atturi hija ipotetika u ghaliex l-appellati ma jistghux jottjenu ebda rizultat vantaggjuz minn din l-azzjoni. Ghaldaqstant stante li jonqsu dawn iz-zewg elementi, jonqos l-interess guridiku da parti tal-atturi appellati.

“Ghal dawn il-motivi l-appellanti talbu lil din il-Qorti sabiex tirrevoka u thassar is-sentenza fl-ismijiet premessi moghtija mill-Prim’Awla fit-30 ta’ Gunju 2010, u minflok tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti appellanti u konsegwentement tichad it-talbiet attrici. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati.

“**Ir-risposta tal-appellat attur Alexander Magro**

“3. L-appellat ikkontenda li r-rikors tal-appellanti ghandu jigi michud ghaliex is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti hija korretta u timmerita li tigi konfermata fl-intier taghha.

“L-appellat ikompli li l-appell huwa wiehed frivolu u vessatorju.

“**Fatti mertu tal-kaz**

“4. Qabel ma tghaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji tal-konvenuti appellanti, din il-Qorti thoss li jkun qabel xejn

opportun illi taghti l-isfond fil-qosor tal-fatti kollha relattivi ghall-kawza in kwistjoni, u dan kif ser jinghad:

"(i) L-appellati huma proprjetarji ta' bicca raba li qeghda f'post maghruf bhala "Sqaq Gebel Zwejri", Maghtab, limiti tan-Naxxar. L-appellanti ghandhom il-bicca raba li hija adjacenti ghal dik tal-appellati.

"(ii) Skont l-appellati, l-appellanti bnew kanali kif ukoll spustaw dawk ezistenti b'mod li gie mfixkel il-passagg naturali tal-ilma u b'hekk giet reza aktar gravuza s-servitu` tal-atturi.

"(iii) Mill-provi akkwiziti rrizulta li x-xoghlijiet intraprizi mill-konvenut saru fil-21 ta' Gunju 2005. Proprjament dawn ix-xoghlijiet ma sarux fil-proprjeta`, ossia fir-raba, fil-pussess tal-appellanti izda f'raba iehor adjacenti li jappartejni lil certu George Portelli.

"(iv) Irrizulta li x-xoghlijiet kienu jikkomprendu numru ta' planki sabiex ir-raba tal-konvenuti jigi livell mat-triq. Il-konvenut ma jaqbilx, bil-maqlub allura tat-tezi tal-appellati, li bix-xoghol li sar fir-raba ta' Portelli gie ostakolat il-passagg tal-ilma ghad-detriment tal-atturi, anzi jallega li kienu l-atturi li b'xoghlijiet ohra min-naha taghhom ghamlu hsara lill-ambjent in kwistjoni.

"**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

"5. L-appell tal-konvenuti, apparti li jikkontestaw anke l-inkluzjoni ta' Maris Bezzina bhala ko-konvenuta, huwa essenzjalment invit lil din il-Qorti biex issir revizjoni tal-apprezzament tal-provi b'riferenza ghat-tlett rekwiziti li huma mehtiega sabiex tirnexxi l-*actio spolii*, li huma jissottomettu li kienu t-tlieta neqsin fil-kawza in ezami.

"6. Skont l-appellanti, il-fatt li x-xoghlijiet *de quo* saru fi proprjeta` li kienet f'idejn terz, allura kellu necessarjament isegwi li l-ewwel element tal-pussess huwa mankanti.

"Din il-Qorti, wara li ezaminat mill-gdid il-provi hija pero` tal-fehma li s-sottomissjoni surreferita min-naha tal-

appellanti m'hijiex korretta ghaliex ghalkemm huwa minnu li x-xoghlijiet *ut sic* saru fil-proprjeta` tat-terz, xorta wahda rrizulta li kien hemm dik it-turbattiva fl-*istatus quo ante* f'dak li qabel kien possedut u gawdut mill-atturi appellati.

"Ikun bizzejjed illi wiehed jaghmel accenn ghall-parti konkluziva tar-rapport peritali li gie pprezentat mill-perit gudizjarju (ara fol. 75 tal-process) biex jintwera dak li sofrew il-konvenuti appellati f'dak li huwa spussessar materjali ta' stat ta' fatt li qabel kien taghhom, u li pero` issa gie aggravat serjament:

"L-esponent hu tal-opinjoni li l-izvilupp li ghamlu l-konvenuti f'dik il-parti partikolari tal-proprjeta` taghhom, li kien jinkludi li joghla l-livell tal-art u jsiru kostruzzjonijiet fuqha, irrizulta li gie ostakolat ix-xaqlib naturali tal-ilma kif muri fid-dokumenti esebiti. Peress li kien diga` jezisti zvilupp fuq iz-zewg nahat tal-parti in kwistjoni w din kienet ghada l-unika parti taz-zona li baqghat fl-istat originali, kienet tipprovdi kanal ghall-ilma tax-xaba taz-zona fid-direzzjoni tal-wied. L-izvilupp li sar mill-konvenuti ma pprovdix biex thallew kanali artificjali jew pajpijiet taht l-istess zvilupp biex ikun jista' jibqa ghaddej l-ilma li llum qed jingema' u jaqleb fil-proprjeta` tal-atturi."

(Sottolinear ta' din il-Qorti)

"Minkejja li saritlu eskussjoni serrata, il-perit gudizzjarju ma biddel xejn minn tali konkluzjoni. Kif allura tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata:

"Fil-kaz tal-lum ix-xoghlijiet li saru ghalkemm mhux fuq l-art tal-atturi, xorta kellhom l-effett li ziedu b'mod apprezzabbli l-kwantita` ta' ilma li jinzel b'wied mill-art tal-atturi, b'mod li holoq jew ghamel aktar gravi s-servitu` li din l-art tircievi l-ilma."

"Ghalhekk in kwantu l-aggravju jirreferi ghall-element tal-pussess, dan huwa infondat u qieghed jigi respint.

"7. Isegwi wkoll li darba li dawn ix-xoghlijiet saru mill-konvenut Bezzina bi hsara ghall-atturi, l-element tal-att

spoljattiv kif fuq deskritt jirrizulta wkoll sufficjentement ippruvat u l-aggravju dwaru ma jregix lanqas.

“8. Jifdal ghalhekk ir-rekwizit tax-xahrejn – *infra bimestre deduxisse* – ghal fini tal-istituzzjoni tal-*actio spolii.*

“Mill-provi jirrizulta li rapport formali mal-Pulizija dwar dawn ix-xoghlijiet sar minn Emanuel Bezzina, iben il-konvenuti, fil-21 tal-Gunju 2005, dak inhar stess li l-attur Alexander Magro kien ilmenta ma’ l-istess Emanuel Bezzina dwar ix-xogholijiet li kienu qed isiru (ara depozizzjoni a fol. 49 tal-process), mentri l-kawza giet istitwita minnhom fl-24 ta’ Awwissu 2005, jigifieri oltre l-perjodu stabbilit fil-ligi. Il-Qorti tal-ewwel grad kienet izda tal-fehma li d-*dies a quo* ma kellhiex titqies li kienet fil-mument li gew esegwiti x-xoghlijiet mill-konvenut Bezzina imma meta nfetah l-istagun tax-xita, ossija nhar San Bartilmew, jigifieri fl-24 ta' Awwissu, ghar-raguni li “kien f'dak il-waqt illi l-art tal-atturi bdiet tbati l-effett ta’ dak li sar.” Bir-rispett kollu, din il-Qorti ma tikkondividix tali fehma billi jidhrilha li fic-cirkostanzi tal-kaz odjern ma ghandux ikun hemm dubbju li t-terminu ghandu jitqies minn meta saru x-xoghlijiet u mhux minn meta beda, jew seta’ jinhass l-effett taghhom. Issa li kieku ngiebet xi prova li l-atturi kienu injari bix-xoghol *de quo* minhabba l-fatt li dan gie esegwit fuq il-proprjeta` tat-terz, wiehed seta’ jargumenta li l-atturi ma kienux f’qaghda li jkunu jafu bl-att spoljattiv sakemm dan ma jkunx irrizulta mil-qlib hazin tal-ilma, imma dan evidentement m’huwiex il-kaz. Il-provi juru li l-atturi kienu ghal kollox edotti bix-xoghol li sar mill-konvenut Bezzina pero` ghazlu li jintavolaw azzjoni ta’ spoll wara li kien gia` ghadda l-perjodu ta’ xahrejn.

“9. Jigi inoltre rilevat li meta l-attur Alexander Magro gie mistoqsi dwar dati fir-rigward tal-kummissjoni tal-allegat spoll, huwa kien evaziv ghall-ahhar. Fuq mistoqsija diretta tal-Qorti (ara deposizzjoni tieghu tat-28 ta’ Frar 2008) dwar meta sar dan ix-xoghol, l-attur wiegeb hekk:

“Id-dati m’ghandix memorji, mill-ewwel avzajtu u mort ghand l-avukat u bghattnilu l-ittri u kollox.”

“Mistoqsi ghal darb’ohra mill-Qorti wara kemm zmien huwa mar ghand l-avukat tieghu, l-attur rega’ wiegeb hekk:

“Mill-ewwel avzajtu bil-kelma u bdejt niehu l-pariri.”

“F’dan il-hin, hass li kellu jintervjeni wkoll l-avukat tal-attur, Dr. Edward Gatt, li rega’ staqsa lill-attur, “wara kemm zmien?”, u mill-gdid l-attur rega’ ma wegibx il-mistoqsija sodisfacentement:

“Ghandi l-ittri imma memorja emmini ma nzommx.”

“Certament din ma tammontax ghal prova li wiehed jista’ jorbot fuqha u lanqas ma kienet b’xi mod tiggustifika lill-Qorti li taghzel id-data hi, meta c-cirkostanzi kienu tali li setghet tittiehed azzjoni fil-mument opportun. Skont gurisprudenza kostanti, il-prova trid tingieb mill-parti u mhux mill-Qorti. Fid-dikjarazzjoni guramentata mehmuza mal-att promotorju, l-attur jindika d-data tal-25 ta’ Gunju 2005, izda d-data preciza giet stabbilita bhala dik tal-21 ta’ Gunju 2005. Din mela kienet id-data li minna beda jiddekorri t-terminu u mhux minn meta seta’ jinhass l-effett potenzjali tal-istess xoghlijiet. Tajjeb li jigi hawn rilevat li, trattandosi ta’ allegazzjoni ta’ molestja, l-atturi kellhom aktar minn rimedju wiehed biex jagixxu kontra min kien responsabbli li kkawzaha, u dan anki a bazi ta’ azzjonijiet ohra ta’ natura possessorja, fosthom l-*actio manutentionis* li incidentalment tikkoncedi terminu ferm itwal ghat-tehid taghha. Minflok, l-atturi ghazlu li jipprocedu a bazi ta’ azzjoni ta’ spoll privileggjat b'terminu qasir ta’ xahrejn. Ghalhekk billi jirrizulta li l-azzjoni in dizamina giet ipprezentata fl-24 ta’ Awwissu 2005, dan it-terminu kien lahaq skada li jfisser illi dan ir-rekwizit ta’ zmien ma giex sodisfatt. Isegwi li l-aggravju tal-konvenuti taht dan l-aspett huwa wiehed gustifikat u qieghed jigi milqugh.

“10. Fic-cirkostanzi, din il-Qorti tista’ tieqaf hawn minghajr il-htiega li tinvesti wkoll l-aggravji l-ohra sollevati mill-appellanti fir-rikors ta’ appell.

“Ghal dawn il-motivi;

“Tiddeciedi billi ghar-ragunijiet fuq moghtija, u mhux allura fuq l-aggravji kollha avanzati mill-appellanti, hija qeghda tilqa’ l-appell u ghalhekk tirrevoka u thassar is-sentenza appellata fil-kawza fl-ismijiet premessi, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati.”

L-attur qed jitlob ir-ritrattazzjoni peress li, skont hu, sar zball minn din il-Qorti meta qieset id-*dies ad quo*, ghall-fini tal-ezercizzju tal-azzjoni ta’ spoll, bhala li hi l-21 ta’ Gunju, 2005, meta kellha tqis il-jum tal-24 ta’ Awwissu, 2005, bhala d-data li fiha beda jiddekorri t-terminu ta’ xahrejn. Dan qed jghidu peress li l-kaz jitratta dwar xoghlijiet f’kanal tal-ilma, u skont hu, it-terminu ghandu jibda jghaddi mhux minn meta jsiru x-xoghlijiet, izda minn meta jistghu jinhassu l-effetti ta’ dawk ix-xoghlijiet, u cioe`, meta tradizzjonalment jiftah l-istagun tax-xita.

Dan, pero`, kien il-punt kontrovers li gie diskuss u deciz minn din il-Qorti fis-sentenza li tat fis-7 ta’ Jannar, 2011. Fil-fatt, din il-Qorti qalet hekk fuq dan il-punt:

“*Mill-provi jirrizulta li rapport formali mal-Pulizija dwar dawn ix-xoghlijiet sar minn Emanuel Bezzina, iben il-konvenuti, fil-<u>21 tal-Gunju 2005, dak inhar stess li l-attur Alexander Magro kien ilmenta ma’ l-istess Emanuel Bezzina dwar ix-xogholijiet li kienu qed isiru (ara depozizzjoni a fol. 49 tal-process)</u>, mentri l-kawza giet istitwita minnhom fl-<u>24 ta’ Awwissu 2005</u>, jigifieri oltre l-perjodu stabbilit fil-ligi. Il-Qorti tal-ewwel grad kienet izda tal-fehma li d-dies a quo ma kellhiex titqies li kienet fil-mument li gew esegwiti x-xoghlijiet mill-konvenut Bezzina imma meta nfetah l-istagun tax-xita, ossija nhar San Bartilmew, jigifieri fl-24 ta' Awwissu, ghar-raguni li “kien f'dak il-waqt illi l-art tal-atturi bdiet tbati l-effett ta’ dak li sar.” Bir-rispett kollu, din il-Qorti ma tikkondividix tali fehma billi jidhrilha li fic-cirkostanzi tal-kaz odjern ma*

*ghandux ikun hemm dubbju li t-terminu ghandu jitqies minn meta saru x-xoghlijiet u mhux minn meta beda, jew seta' jinhass l-effett taghhom.  Issa li kieku ngiebet xi prova li l-atturi kienu injari bix-xoghol de quo minhabba l-fatt li dan gie esegwit fuq il-proprjeta` tat-terz, wiehed seta' jargumenta li l-atturi ma kienux f'qaghda li jkunu jafu bl-att spoljattiv sakemm dan ma jkunx irrizulta mil-qlib hazin tal-ilma, imma dan evidentement m'huwiex il-kaz. Il-provi juru li l-atturi kienu ghal kollox edotti bix-xoghol li sar mill-konvenut Bezzina pero` ghazlu li jintavolaw azzjoni ta' spoll wara li kien gia` ghadda l-perjodu ta' xahrejn."*

Issa hu risaput li ma jkunx hemm zball fis-sens tal-ligi jekk l-allegat zball ikun il-punt kontradett u diskuss bejn il-partijiet li fuqu s-sentenza tkun ippronunzjat.  Hekk fil-kawza **Gauci v. Fenech**, deciza minn din il-Qorti fis-17 ta' Novembru 1920, intqal illi:

"*si richiede che il fatto non abbia costituito un punto controverso fra le parti e deciso nella sentenza, poiche` se le parti avvessero trattato di quel fatto come di mezzo od argomento di azione o di difesa e la impugnata sentenza contenesse la menzione del punto controverso ed avesse accolto o rigettato quel mezzo od argomento non si potrebbe piu` ritenere che il fatto fosse passato immune da controversia ne` che lo stesso non sia stato avvertito dal giudice.*"

L-istess punt gie asserit minn diversi sentenzi ohra ta' dawn il-Qrati, fosthom, per ezempju, il-kawza **Micro Technology Consultancy Ltd v. Vella Camilleri et**, deciza minn din il-Qorti fid-29 ta' Novembru, 2007.

Minn meta ghandu jitqies li beda jiddekorri z-zmien ta' xahrejn kien fatt ampjament diskuss f'din il-kawza, u l-fatt li din il-Qorti ma qabletx fuq dan il-punt ma' dak deciz mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili juri kemm il-materja kienet importanti ghall-kaz.  Din il-Qorti ddecidiet li z-zmien jghaddi minn meta saru x-xoghlijiet u mhux minn meta nhassu l-effetti taghhom.  Din id-decizjoni ma tistax titqies effett ta' zball, ghax hija decizjoni tal-Qorti fuq il-punt

kontrovers, u dik id-decizjoni ma tistax tkun ritrattata. Ma jistax jigi permess li, taht il-pretest tar-ritrattazzjoni, il-litigant sokkombent jerga' jiftah il-kawza u b'hekk jigi indirettament krejat tribunal tat-tielet istanza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tichad it-talba tar-rikorrenti rittrattandi ghat-thassir tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti fis-7 ta' Jannar, 2011, u tichad ukoll it-talba konsegwenzjali ghas-smigh mill-gdid ta' din il-kawza, u dan bl-ispejjez relattivi jithallsu mir-rikorrenti ritrattandi. Peress li tqis li t-talba kienet frivola u vessatorja, tikkundanna lir-rikorrenti ghall-hlas tad-doppio speze.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------